

31996D0174

L 51/48

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.3.1996

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Frar 1996

## li temenda d-Deċiżjoni 91/115/KEE li tistabbilixxi Kumitat dwar l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagament

(96/174/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Billi d-Deċiżjoni 91/115/KEE <sup>(4)</sup> għandha konsegwentement tkun emendata,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-Deċiżjoni ippreżentata mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,*Artikolu Waħdieni*Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Id-Deċiżjoni 91/115/KEE hija emendata kif ġej:

Wara li kkunsidra l-opinjoni ta' l-Istitut Monetarju Ewropew <sup>(3)</sup>,

1. L-Artikolu li ġej għandu jkun miżjud:

*"L-Artikolu 3a*

Billi skond l-Artikolu 109f tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 2 tal-Protokol dwar l-Istatut tal-Istitut Monetarju Ewropew (IME), l-IME għandu jikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tal-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tranżizzjoni tat-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja billi ssaħħa il-koordinazzjoni tar-regoli monetarji b'viżjoni biex tassigura l-istabbiltà tal-prezz, tagħmel il-preparazzjonijiet meħtieġa għall-istabbeliment tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ESCB/SEBĊ), għat-tweġiq ta' regola ewlenija monetarja u għal ħolqien ta' rata unika tal-kambju fit-tielet stadju, u l-ħarsien tal-iżvilupp tal-ECU;

Il-Kumitat jista' jesprimi l-opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu fuq kull talba dwar dik l-istatistika li tirrigwardja l-interess komuni mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali, minn naħa l-waħda, u mill-Istitut Monetarju Ewropew (IME) u l-banek ċentrali nazzjonali, minn naħa l-oħra. Fit-tweġiq ta' dawn id-dove tiegħu, il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu lill-partijiet interessati kollha.”;

2. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 4*

Billi skond l-Artikolu 109f (3) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, sa l-iktar tard il-31 ta' Diċmebru 1996, l-IME għandu jispeċifika l-kwadru regolatorju meħtieġ, organizzattiv u loġistiku għall-SEBĊ biex twettaq dmirijietha fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inklużi l-promozzjoni u l-armonizzazzjoni meta meħtieġ, tar-regoli u l-prattiċi li jirregolaw il-ġbir, il-kompilazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istatistika fl-oqsma fi ħdan il-qasam tal-kompetenza tagħha;

Il-Kumitat għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed, tnejn jew tlieta għal kull Stat Membru, li jiġu mill-istituzzjonijiet prinċipalment kkonċernati mal-istatistika finanzjarja, monetarja u mal-bilanċi tal-pagamenti, sa tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni u sa tliet rappreżentanti ta' l-IME. B'żieda ma dan, rappreżentant wieħed tal-Kumitat Monetarju jista' jattendi għal-laqqgħat tal-Kumitat, bħala osservatur. Kull Stat Membru, il-Kummissjoni u l-IME għandhom jkollhom vot uniku kull wieħed.

Billi skond l-Artikolu 5 tal-Istatut SEBĊ, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), mgħejjun mill-banek ċentrali nazzjonali, għandu jiġbor l-informazzjoni statistika meħtieġa u għandu jikkoopera mal-Kummissjoni; billi hemm għalhekk hteġa fit-tieni stadju sabiex jipprepara l-kooperazzjoni xierqa fi ħdan il-kwadru ta'temma ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja;

Ir-Rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet l-oħrajn, kif ukoll kull persuna li tkun tista' tikkontribwixxi għad-diskussjonijiet, tista', fuq id-deċiżjoni tal-Kumitat, tipparteċipa fil-laqqgħat tal-Kumitat.”;

<sup>(1)</sup> ĠU C 359, 16.12.1994, p. 10.<sup>(2)</sup> ĠU C 269, tas-16.10.1995, p. 198.<sup>(3)</sup> ĠU C 397, tal-31.12.1994, p. 52.<sup>(4)</sup> L-Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Jannar 1995.

3. L-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Frar 1996.

*“L-Artikolu 5*

*Għall-Kunsill*

*Il-Kumitat għandu jaħtar il-president tiegħu skond ir-regoli  
dettaljati stabbiliti fir-regoli tiegħu tal-proċedura.”*

*Il-President*

*S. AGNELLI*

---